

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Awtorità

(2011/C 366/19)

INTRODUZZJONI

1. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità"), li tinstab f'Parma, kienet imwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002⁽¹⁾. Il-kompiti prinċipali tagħha huma li ttiprovdi l-informazzjoni xjentifika neċessarja sabiex tiġi ppreparata leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li tiġbor u tanalizza *data* sabiex ir-riskji jkunu jistgħu jiġu identifikati u ssorveljati u li ttiprovdi informazzjoni indipendenti fuq dawn ir-riskji⁽²⁾.

2. Il-baġit tal-Awtorità għall-2010 ammonta għal EUR 74,7 miljun meta mqabbel mal-EUR 71,4 miljun is-sena ta' qabel. L-għadd ta' persunal impjegat mill-Awtorità fi tmiem is-sena kien 433 meta mqabbel ma' 407 s-sena ta' qabel.

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287(1), it-tieni subparagrafu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali⁽³⁾ tal-Awtorità, li jikkonsistu fir-"rendikonti finanzjarji"⁽⁴⁾ u fir-"rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit"⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010 u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

4. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skont l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002⁽⁶⁾.

Ir-responsabbiltà tad-Direttur

5. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Awtorità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħha u fi ħdan il-limiti

tal-appropriazzjonijiet awtorizzati⁽⁷⁾. Id-Direttur huwa responsabbli mit-twaqqif⁽⁸⁾ tal-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri tal-ġestjoni u l-kontroll interni rilevanti biex jiġu ppreparati kontijiet finali⁽⁹⁾ li huma ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball, u biex tiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet huma legali u regolari.

Ir-responsabbiltà tal-Qorti

6. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li ttiprovdi, abbażi tal-verifika tagħha, dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Awtorità u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom.

7. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi tal-Etika tal-IFAC u tal-ISSAI⁽¹⁰⁾. Dawk l-istandards jitolbu li l-Qorti tikkonforma mar-rekwiżiti tal-etika u li tippjana u twettaq il-verifika biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk il-kontijiet humiex ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi humiex legali u regolari.

8. Il-verifika tal-Qorti tinvolti t-tweġiq ta' proċeduri sabiex tinkiseb evidenza tal-verifika dwar l-ammonti u l-iżvelar fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom. Il-proċeduri jintgħażlu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża l-valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali fir-rapporti finanzjarji, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta tagħmel dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, il-kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-entità jiġi kkunsidrat sabiex jifasslu proċeduri tal-verifika li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi. Il-verifika tal-Qorti tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politika tal-kontabilità użata, tar-raġonevolezza tal-estimi tal-kontabilità magħmula mill-maniġment u kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni tal-kontijiet inġenerali.

⁽¹⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u tal-attivitajiet tal-Awtorità. Jiġi ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li, fost l-oħrajn, jagħti rendikont tar-rata ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet fost il-partiti varji tal-baġit.

⁽⁴⁾ Ir-rendikonti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rendikont tat-tibdil fil-kapital u l-anness għar-rendikonti finanzjarji li jinkludi d-deskrizzjoni tal-politika tal-kontabilità prinċipali u informazzjoni oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

⁽⁶⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72)

⁽⁸⁾ L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

⁽⁹⁾ Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenziji huma stabbiliti fil-kapitolu 1 tat-Titlu VII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 23) u huma fil-fatt integrati fir-Regolament Finanzjarju tal-Awtorità.

⁽¹⁰⁾ Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

9. Il-Qorti tqis li l-evidenza tal-verifika miksuba hija biżżejjed u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tal-Qorti.

L-opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali ⁽¹⁾ tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2010 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u tal-likwidità tagħha għas-sena li ntemmet, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha.

L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

11. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010, fl-aspetti materjali kollha huma legali u regolari.

12. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KWISTJONIJET OĦRA

13. Reviżjoni tad-Dikjarazzjonijiet ta' Interess tal-Membri tal-Bord tat-Tmexxija titwettaq mill-President bl-għajna ta' Viċi Presidenti. Dan il-proċess ta' reviżjoni mhuwiex biżżejjed rigoruż u ma fihx biżżejjed dettall. Approċċi differenti għall-amministrazzjoni ta' kunflitt ta' kwistjonijiet ta' interess huma adottati għal sitwazzjonijiet simili. Hemm lok għal titjib fil-kompletezza u fit-trasparenza ta' din il-proċedura.

14. Ġew innutati dgħufijiet f'xi wħud mill-proċeduri ta' reklu-taġġ: l-anonimità tat-testijiet bil-miktub ma kinitx rispettata, il-punteġġ biex wieħed jgħaddi għall-istadji varji tal-proċess ta' għażla ġie deċiż wara li l-proċess ta' evalwazzjoni kien beda, u ntużaw kriterji vagi. Dawn il-prattiki poġġew it-trasparenza tal-proċeduri tar-reklutaġġ friskju.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Iğors LUDBORŽS, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-6 ta' Settembru 2011.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽¹⁾ Il-Kontijiet Annwali Finali kienu ppreparati fis-16 ta' Ġunju 2011 u rċevuti mill-Qorti fl-1 ta' Lulju 2011. Il-Kontijiet Annwali Finali jistgħu jinstabu fuq il-websajt li ġej <http://eca.europa.eu> jew http://www.efsa.europa.eu/EFSA/AboutEfsa/HowWeWork/Funding/efsa_locale-1178620753812_Accounts.htm.

ANNEX

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Parma)

Kompetenzi u attivitajiet

<p>L-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p>	<p>Il-ġbir ta' informazzjoni</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-moviment liberu tal-merkanizija (<i>L-Artikolu 37 tat-Trattat</i>). — Kontribut għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, sigurtà, u l-protezzjoni tal-ambjent u tal-konsumatur, b'kunsiderazzjoni għal żviluppi ġodda bbażati fuq fatti xjentifiċi (<i>L-Artikolu 95 tat-Trattat</i>). — Il-politika kummerċjali komuni (<i>L-Artikolu 133 tat-Trattat</i>).
<p>Il-kompetenzi tal-Awtorità</p> <p>(<i>Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill</i>)</p>	<p>L-Objettivi</p> <ul style="list-style-type: none"> — Tipprovdi opinjonijiet xjentifiċi u appoġġ xjentifiku u tekniku għal-leġiżlazzjoni u l-politika li għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-ikel u s-sigurtà tal-għalf. — Tipprovdi tagħrif indipendenti fuq ir-riskji li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fl-ikel. — Tikkontribwixxi għall-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ħajja umana u tas-saħħa. — Tiġbor u tanalizza d-<i>data</i> meħtieġa biex tippermetti l-karatterizzazzjoni u l-monitoraġġ tar-riskji. <p>Il-Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Toħroġ opinjonijiet u studji xjentifiċi. — Tippromwovi metodoloġiji uniformi ta' valutazzjoni tar-riskji. — Tgħin lill-Kummissjoni. — Tfittex, tanalizza, u tqassar id-<i>data</i> xjentifika u t-teknika meħtieġa. — Tidentifika u tikkaratterizza riskji emerġenti. — Tistabbilixxi netwerk ta' organizzazzjonijiet li joperaw foqma simili. — Tipprovdi għajnuna xjentifika u teknika fil-ġestjoni tal-kriżi. — Ittejjeb il-koperazzjoni internazzjonali. — Tipprovdi lill-partijiet pubbliċi u lill-partijiet interessati b'informazzjoni affidabbli, oġġettiva u li tinftiehem b'mod faċli. — Tieħu sehem fis-sistema ta' twissija rapida tal-Kummissjoni.
<p>It-tmexxija</p>	<p>1 – Il-Bord ta' Tmexxija</p> <p><i>Il-kompożizzjoni</i></p> <p>14-il membru maħtura mill-Kunsill (b'koperazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni) u rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni.</p> <p><i>Il-kompitu</i></p> <p>Jadotta l-programm ta' ħidma u l-baġit u jiżgura li huma implimentati.</p>

	<p>2 – Id-Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord ta' Tmexxija abbażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni u wara seduta quddiem il-Parlament Ewropew.</p> <p>3 – Il-Forum Konsultattiv</p> <p><i>Il-kompożizzjoni</i></p> <p>Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru.</p> <p><i>Il-kompitu</i></p> <p>Jagħti pariri lid-Direttur Eżekuttiv.</p> <p>4 - Il-Kumitat Xjentifiku u l-panels xjentifiċi</p> <p>Jippreparaw l-opinjoni xjentifiċi tal-Awtorità.</p> <p>5 – Il-Verifika esterna</p> <p>Il-Qorti tal-Awdituri.</p> <p>6 – Internal audit</p> <p>Il-kapaċita tal-verifika interna tal-EFSA.</p> <p>Is-servizz tal-verifika interna tal-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>7 – L- Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>
<p>Ir-riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2010 (2009)</p>	<p>Il-Baġit</p> <p>EUR 74,7 (71,4) miljun li minnhom is-sussidju tal-Unjoni Ewropea huwa 100 % (100 %)</p> <p>Il-persunal fil-31 ta' Diċembru 2010</p> <p>355 (355) kariga prevista fil-pjan ta' stabbiliment, li minnhom okkupati:</p> <p>330 (326) persunal (aġenti temporanji u uffiċjali)</p> <p>Persunal ieħor 103 (81) (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali ssekondati)</p> <p>Persunal totali 433 (407) li minnhom għal:</p> <p>Dmirijiet operazzjonali: 323 (324)</p> <p>Dmirijiet amministrattivi: 110 (83)</p> <p>Jekk jogħġbok innota li 21 ittra ta' offerta ntbagħtu fil-31.12.2010 li jammontaw għal 454 kariga tal-persunal b'kollox</p>
<p>Il-prodotti u s-servizzi 2010 (2009)</p>	<p>Prodotti Xjentifiċi u Pubblikazzjonijiet ta' Sostenn 2010 (2009) ⁽¹⁾</p> <p><i>L-Attività 1: L-għoti ta' opinjonijiet xjentifiċi u pariri u approċċi għal valutazzjonijiet tar-riskji</i></p> <p>— Il-Gwida tal-Kumitat Xjentifiku/Panel Xjentifiku 2 (6)</p> <p>— L-Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku/Panel Xjentifiku 48 (72)</p> <p>— Ir-Rapport Xjentifiku tal-EFSA 5 (3)</p> <p>— Id-Dikjarazzjoni tal-EFSA 4 (4)</p>

<p>— Id-Dikjarazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku/Panel Xjentifiku 7 (6)</p> <p><i>It-total tal-attività ta' prodotti xjentifiċi 1 = 66 (91)</i></p> <p><i>L-Attività 2: L-evalwazzjoni ta' prodotti, sustanzi u klejms soġġetti għal awtorizzazzjoni</i></p> <p>— Il-Konklużjonijiet dwar ir-Reviżjoni tal-Pestiċidi Bejn il-Pari 73 (28)</p> <p>— Il-Gwida tal-EFSA 1 (3)</p> <p>— Il-Gwida tal-Kumitat Xjentifiku/Panel Xjentifiku 6 (2)</p> <p>— L-Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku/Panel Xjentifiku 244 (341)</p> <p>— Ir-Rapport Xjentifiku tal-EFSA 2 (0)</p> <p>— Id-Dikjarazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku/Panel Xjentifiku 5 (38)</p> <p><i>It-total tal-attività ta' prodotti xjentifiċi 2 = 331 (412)</i></p> <p><i>L-Attività 3: Il-Ġbir ta' Data, koperazzjoni xjentifika u bin-netwerking</i></p> <p>— Il-Gwida tal-EFSA 3 (2)</p> <p>— Id-Dikjarazzjoni tal-EFSA 2 (2)</p> <p>— L-Opinjoni Motivata 68 (76)</p> <p>— Ir-Rapport Xjentifiku tal-EFSA 38 (40)</p> <p><i>It-total tal-attività ta' prodotti xjentifiċi 3 = 111 (120)</i></p> <p>Pubblikazzjonijiet ta' Sostenn</p> <p>— Ir-rapporti dwar avvenimenti 7 (2)</p> <p>— Ir-rapport Xjentifiku Estern 33 (1)</p> <p>— Ir-rapport tekniku 17 (10)</p> <p><i>Total ta' Pubblikazzjonijiet ta' Sostenn = 57 (13)</i></p> <p><i>Dħul totali = 565 (636)</i></p> <p>— L-opinjonijiet xjentifiċi appoġġati b'attivitajiet tal-komunikazzjoni: 34 % (24 %).</p> <p>— Il-konsultazzjonijiet pubbliċi: 78 (66)</p> <p>— Iż-żjarat fuq is-sit tal-internet: 3 miljun (2,4)</p> <p>— Abbonati ma' Highlights: 26 934 (25 690).</p> <p>— Kopertura tal-midja: 8 330 (9 038)</p> <p>— Mistoqsijiet mill-midja: 857 (694)</p> <p>— Stqarrijiet għall-istampa: 16 (21)</p> <p>— Artikli tal-Aħbarijiet fuq l-Internet: 59 (50)</p> <p>— Intervisti: 116 (72).</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Awtorità.

(1) Hekk joġġbok innota li, għal skopijiet ta' komparabilità, id- data (tal-2009) ġiet adattata sabiex tirrifletti l-klassifika l-ġdida tal-prodotti tal-Awtorità. L-għadd totali tal-prodotti ma nbidilx

IT-TWEGĪBIET TAL-AWTORITÀ

13. Sabiex tissaħħaħ l-awtovalutazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet ta' Interess tal-Membri, f'Ġunju 2011 il-Bord ta' Amministrazzjoni adotta kodiċi ta' kondotta. Barra minn hekk, il-Bord ta' Amministrazzjoni adotta abbozz ta' politika fuq il-Proċessi ta' Deċiżjonijiet Indipendenti u Xjentifiċi għall-konsultazzjoni pubblika. Dan l-abbozz ta' politika ġdida jipprevedi li għal kwalunkwe ċirkostanzi li jistgħu jkunu relatati mal-indipendenza tal-membri tal-Bord, l-Awtorità tista' tikkonsulta mal-istituzzjonijiet tal-UE li jkunu kkontribwew fil-proċess tal-ħatra (il-Kunsill, il-Parlament, il-Kummissjoni). Dan huwa mistenni li jiġi adottat sal-aħħar tal-2011.

14. Anki jekk il-linji gwida ta' qabel issodisfaw il-ħtiġijiet tar-regoli ta' implimentazzjoni fuq ir-reklutaġġ ivalidat mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, f'Diċembru 2010 l-Awtorità adottat linji gwida sabiex tkun konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-prattiki tajba tal-ECA.
